



---

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

---

**2021/0378(COD)**

30.11.2022

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieg kapitali u s-sostenibbiltà  
(COM(2021)0723 - C9-0434/2021 – 2021/0378(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Pascal Durand

(\*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Is-setturi finanzjarji kif ukoll il-kumpaniji għaddejnin minn trasformazzjoni diġitali dejjem aktar mgħaġġla. L-Unjoni Ewropea biħsiebha tappoġġa dan l-iżvilupp billi tiffaċilita l-aċċess għad-data u għad-dokumenti li jsir obbligatorju permezz tal-ħolqien ta' standards tar-rapportar ġodda. Huwa essenzjali li l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà korporattiva tkun parti minn dan l-isforz ta' trasparenza sabiex mhux biss l-investituri iżda wkoll il-konsumaturi jkunu infurmati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet ta' investment jew ta' xiri. Mod effettiv biex jinkiseb dan huwa li jinħoloq "Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew" jew "ESAP", li għandu jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja u għall-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, u għandu jkollu l-kapaċità li jipproċessa din id-data permezz tal-magni, fejn possibbli.

Ir-rapporteur għal opinjoni tal-Kumitat JURI jipproponi li jiġi emendat ir-Regolament dwar l-ESAP u d-Direttivi u r-Regolamenti Omnibus billi l-ewwel u qabel kollox issir enfasi fuq l-aspetti relatati mal-format u mat-trażmissjoni tad-data dwar is-sostenibbiltà, b'mod partikolari meta d-Direttiva dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà (CSRD) tintroduċi obbligi ta' rapportar ġodda.

Sabiex jiġi żgurat trattament bla xkiel tal-informazzjoni riċevuta jew ikkompilata mill-korpi tal-ġbir u magħmula disponibbli fuq l-ESAP, ir-Regolament jistabbilixxi ċerti rekwiżiti li jispeċifikaw il-format ta' din l-informazzjoni u l-ewwel lista ta' metadata li għandha tiġi pprovduta.

Huwa importanti li xi informazzjoni dwar is-sostenibbiltà, pereżempju pjanijiet tat-tranżizzjoni klimatika jew ċerta informazzjoni dwar il-governanza korporattiva, ma tkunx disponibbli biss online fir-rapporti ta' ġestjoni diġitalizzati iżda tkun aċċessibbli, permezz tal-għodda tat-tiftix tal-ESAP, bħala metadata. Bl-istess mod, il-livell ta' aċċertament tal-inkarigi tal-awditjar tas-sostenibbiltà – limitati jew raġonevoli – huwa importanti biex tiġi ġġudikata r-robustezza tad-data pprovduta mill-kumpaniji u l-progress li jagħmlu biex jiksbu livell ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà li jkun ekwivalenti għal dak tar-rapportar finanzjarju. Din l-informazzjoni għandha għalhekk tiġi integrata fl-għodda tat-tiftix permezz ta' metadata speċifika.

Biex jiġu ffaċilitati l-irkupru u l-estrazzjoni f'waqthom tad-data, se jkun meħtieġ li jitfasslu l-karatteristiċi tal-interfaċċa tal-ipprogrammar u li tiġi żviluppata lista ta' tags diġitali u metadata li għandhom jiġu implimentati flimkien ma' dawk diġà meħtieġa mir-Regolament propost. Għal dan il-għan, il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (l-ASE, jiġifieri l-ESMA, l-EBA u l-EIOPA) se jkun responsabbli għall-iżvilupp ta' abbozzi ta' standards tekniċi. Meta jitqies ir-rwol ċentrali tal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rapportar Finanzjarju (EFRAG) fl-iżvilupp tal-istandards tar-rapportar dwar is-sostenibbiltà, dan għandu jkun involut fl-għażla u fl-iżvilupp ta' dawn il-karatteristiċi l-ġodda, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni tar-rekwiżiti għall-formati tal-aċċessibbiltà għall-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà u l-għażla ta' tags li jinqraw mill-magni fir-rapporti ta' ġestjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea qed tikkunsidra tapplika tariffi għall-utenti meta l-użu tad-data fuq l-ESAP jaqbeż ċertu volum u frekwenza. Ir-rapporteur jipproponi li dawn it-tariffi japplikaw ukoll meta d-data disponibbli tintuża (mill-ġdid) għal finijiet kummerċjali. L-aċċess bla ħlas għall-informazzjoni għandu japplika fil-każijiet l-oħra kollha. F'dan ir-rigward,

l-ESMA għandha tippubblika l-livelli limitu tal-volum tad-data u tal-frekwenza tad-downloading li meta jinqabżu japplikaw it-tariffi. Għandha tkun tista' wkoll tidentifika l-utenti b'volum kbir ta' informazzjoni jew informazzjoni aġġornata ta' spiss, jew li biħsiebhom jużaw id-data mill-ġdid għal finijiet kummerċjali. Dikjarazzjoni individwali u diġitali tidher li hija mod adegwat li bih dawk l-utenti jkunu jistgħu jiġu identifikati b'mod affidabbli.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) L-aċċess faċli għad-data huwa importanti sabiex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ekonomija u fis-soċjetà jieħdu deċiżjonijiet sodi li jservu l-funzjonament effiċjenti tas-suq. L-introduzzjoni ta' spazji komuni Ewropej tad-data f'setturi kruċjali, inkluż is-settur finanzjarju, isservi dak l-għan. Is-settur finanzjarju għaddej minn trasformazzjoni diġitali, li hija mistennija li tkompli fis-snin li ġejjin, u l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dik it-trasformazzjoni, b'mod partikolari billi tippromwovi finanzjament immotivat mid-data. Barra minn hekk, it-tqegħid tal-finanzjament sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja huwa mezz ewlieni kif tista' tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni. Sabiex it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi permezz ta' finanzjament sostenibbli, huwa essenzjali li l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà tan-negozji tkun faċilment aċċessibbli għall-investituri, sabiex ikunu infurmati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investimenti. Għal dawk il-finijiet, jeħtieġ li jitjeb l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni tal-entitajiet, bħall-informazzjoni finanzjarja u mhux

##### *Emenda*

(2) L-aċċess faċli għad-data huwa importanti sabiex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ekonomija u fis-soċjetà jieħdu deċiżjonijiet sodi li jservu l-funzjonament effiċjenti **u sostenibbli** tas-suq. L-introduzzjoni ta' spazji komuni Ewropej tad-data f'setturi kruċjali, inkluż is-settur finanzjarju, isservi dak l-għan. Is-settur finanzjarju għaddej minn trasformazzjoni diġitali, li hija mistennija li tkompli fis-snin li ġejjin, u l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa dik it-trasformazzjoni, b'mod partikolari billi tippromwovi finanzjament immotivat mid-data. Barra minn hekk, it-tqegħid tal-finanzjament sostenibbli fil-qalba tas-sistema finanzjarja huwa mezz ewlieni kif tista' tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomija tal-Unjoni, **filwaqt li jiġi żgurati li ħadd jew l-ebda post ma jibqa' lura**. Sabiex it-tranżizzjoni ekoloġika tirnexxi permezz ta' finanzjament sostenibbli, huwa essenzjali li l-informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà tan-negozji tkun faċilment aċċessibbli għall-investituri, sabiex ikunu infurmati aħjar meta jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investimenti. Għal dawk il-finijiet, jeħtieġ li jitjeb l-aċċess pubbliku għall-

finanzjarja ta' kumpaniji, negozji u istituzzjonijiet finanzjarji. Mezz effiċjenti sabiex dan isir fil-livell tal-Unjoni huwa li tiġi stabbilita pjattaforma ċentralizzata, punt ta' aċċess uniku Ewropew ("ESAP"), li jagħti aċċess elettroniku għall-informazzjoni rilevanti kollha.

informazzjoni tal-entitajiet, bħall-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja ta' kumpaniji, negozji u istituzzjonijiet finanzjarji. Mezz effiċjenti sabiex dan isir fil-livell tal-Unjoni huwa li tiġi stabbilita pjattaforma ċentralizzata, punt ta' aċċess uniku Ewropew ("ESAP"), li jagħti aċċess elettroniku għall-informazzjoni rilevanti kollha.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) L-ESAP **għandu** jipprovdi lill-pubbliku aċċess ċentralizzat faċli għall-informazzjoni dwar l-entitajiet u l-prodotti tagħhom li jsir pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà. L-ESAP jenħtieġ li jipprovdi wkoll aċċess għall-informazzjoni rilevanti għas-servizzi finanzjarji u għas-swieq kapitali li tiġi ppubblikata fuq bażi volontarja minn kwalunkwe entità rregolata mid-dritt ta' Stat Membru, fejn tali entità tagħżel li tagħmel dik l-informazzjoni aċċessibbli fuq l-ESAP. Kif ippreżentat fl-Istrateġija għall-Finanzi Diġitali, l-ESAP jenħtieġ li jiġi stabbilit mill-2024.

#### *Emenda*

(3) L-ESAP **jenħtieġ li** jipprovdi lill-pubbliku aċċess ċentralizzat faċli għall-informazzjoni dwar l-entitajiet u l-prodotti tagħhom li jsir pubbliku fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà. L-ESAP jenħtieġ li jipprovdi wkoll aċċess għall-informazzjoni rilevanti għas-servizzi finanzjarji u għas-swieq kapitali li tiġi ppubblikata fuq bażi volontarja minn kwalunkwe entità rregolata mid-dritt ta' Stat Membru, fejn tali entità tagħżel li tagħmel dik l-informazzjoni aċċessibbli fuq l-ESAP. **Jenħtieġ li fi kwalunkwe ħin il-pubbliku jkun jista' jiddistingwi l-informazzjoni pprovdata fuq bażi volontarja mill-informazzjoni miġbura fuq bażi obligatorja.** Kif ippreżentat fl-Istrateġija għall-Finanzi Diġitali, l-ESAP jenħtieġ li jiġi stabbilit mill-2024. **Jenħtieġ li jippermetti wkoll l-aċċessibbiltà tad-data rilevanti aktar orjentata lejn il-konsumatur sabiex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem tikber għal informazzjoni ta' kwalità, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mas-sostenibbiltà. Dan jenħtieġ li jissarraff f'interfaċċa li tkun kemm jista' jkun faċli biex tintuża mill-utent, grad għoli ta' komparabbiltà tad-data, u kriterji tat-tiftix li jkunu rilevanti għall-investituri, għall-**

*parteċipanti fis-suq, għall-konsulenti, għas-soċjetà ċivili u għall-pubbliku ġenerali, inkluż il-konsumaturi.*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3a) Jenħtieġ li l-ESAP ma joħloqx rekwiżiti ta' rapportar ġodda f'termini ta' kontenut, iżda jenħtieġ li jibni fuq ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni eżistenti li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni identifikata fl-Anness. Huwa importanti li jiġi evitat rapportar doppju sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi u finanzjarji addizzjonali għall-entitajiet, speċjalment l-SMEs.*

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Premessa 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(4) L-informazzjoni li għandha ssir aċċessibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP jenħtieġ li tinġabar mill-korpi ta' ġbir maħtura għall-fini tal-ġbir tal-informazzjoni li l-entitajiet huma obbligati jippubblikaw. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tal-ESAP, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-ESAP b'modi awtomatizzati permezz ta' interfaċċa unika għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. Sabiex l-informazzjoni tkun tista' tintuża b'mod diġitali, l-entitajiet jenħtieġ li jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli f'format ta' data li tista' tiġi estratta jew, fejn meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni. Bi tqabbil ma'

(4) L-informazzjoni li għandha ssir aċċessibbli għall-pubbliku fuq l-ESAP jenħtieġ li tinġabar mill-korpi ta' ġbir **stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni jew maħtura mill-Istati Membri** għall-fini tal-ġbir tal-informazzjoni li l-entitajiet huma **legalment** obbligati jippubblikaw **jew li jissottomettu b'mod volontarju**. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effiċjenti tal-ESAP, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-ESAP b'modi awtomatizzati permezz ta' interfaċċa unika għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet. Sabiex l-informazzjoni tkun tista' tintuża b'mod diġitali, l-entitajiet jenħtieġ li jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli f'format ta' data li tista' tiġi

formats ta' data li tista' tiġi estratta, formats li jinqraw mill-magni huma formats ta' fajl strutturati b'mod li l-applikazzjonijiet tas-software **ikunu** jistgħu jidentifikaw, jagħrfu u jisiltu data speċifika faċilment, inklużi dikjarazzjonijiet individwali tal-fatti, u l-istruttura interna tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li l-entitajiet jissottomettu l-informazzjoni fil-format korrett u sabiex jindirizzaw kwistjonijiet tekniċi possibbli li jiltaqgħu magħhom l-entitajiet, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jipprovdu assistenza lil daww l-entitajiet.

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Minbarra l-informazzjoni b'rabta mas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà li għandha tiġi ppubblikata skont id-dritt tal-Unjoni, l-investituri, il-parteċipanti fis-suq, il-konsulenti u l-pubbliku iġenerali jista' jkollhom interess jiksbu informazzjoni oħra li entità tkun trid tagħmel aċċessibbli. Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jistgħu jkunu jridu jagħmlu aktar informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku sabiex isiru aktar viżibbli għal investituri potenzjali, u b'hekk iżidu l-finanzjament u jidiversifikaw l-opportunitajiet ta' finanzjament. Barra minn hekk, il-parteċipanti fis-suq jistgħu jkunu jixtiequ jipprovdu aktar informazzjoni minn dik meħtieġa bil-liġi, jew inkella jipubblikaw l-informazzjoni meħtieġa mid-dritt nazzjonali iżda mhux disponibbli fil-livell tal-Unjoni, sabiex jikkomplementaw l-informazzjoni pprovduta lill-pubbliku fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, entità jenħtieġ li titħalla tagħmel informazzjoni finanzjarja, relatata mas-sostenibbiltà u informazzjoni rilevanti oħra

estratta jew, fejn meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f'format li jinqara mill-magni. Bi tqabbil ma' formats ta' data li tista' tiġi estratta, formats li jinqraw mill-magni huma formats ta' fajl strukturati b'mod li l-applikazzjonijiet tas-software **jkunu** jistgħu jidentifikaw, jagħrfu u jisiltu data speċifika faċilment, inklużi dikjarazzjonijiet individwali tal-fatti, u l-istruttura interna tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li l-entitajiet jissottomettu l-informazzjoni fil-format korrett u sabiex jindirizzaw kwistjonijiet tekniċi possibbli li jiltaqgħu magħhom l-entitajiet, il-korpi ta' ġbir jenħtieġ li jipprovdu assistenza lil daww l-entitajiet.

#### *Emenda*

(5) Minbarra l-informazzjoni b'rabta mas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà li għandha tiġi ppubblikata skont id-dritt tal-Unjoni, l-investituri, il-parteċipanti fis-suq, il-konsulenti u l-pubbliku iġenerali, **inkluż il-konsumaturi**, jista' jkollhom interess jiksbu informazzjoni oħra li entità tkun trid tagħmel aċċessibbli. Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jistgħu jkunu jridu jagħmlu aktar informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku sabiex isiru aktar viżibbli għal investituri potenzjali, u b'hekk iżidu l-finanzjament u jidiversifikaw l-opportunitajiet ta' finanzjament. Barra minn hekk, il-parteċipanti fis-suq jistgħu jkunu jixtiequ jipprovdu aktar informazzjoni minn dik meħtieġa bil-liġi, jew inkella jipubblikaw l-informazzjoni meħtieġa mid-dritt nazzjonali iżda mhux disponibbli fil-livell tal-Unjoni, sabiex jikkomplementaw l-informazzjoni pprovduta lill-pubbliku fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, entità jenħtieġ li titħalla tagħmel informazzjoni finanzjarja, relatata mas-

aċċessibbli fuq l-ESAP. Skont il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, l-entitajiet jenħtieġ li jiżguraw li ma tiġi inkluża l-ebda data personali, għajr fejn dik id-data tikkostitwixxi element meħtieġ tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, inkluż meta l-isem tal-entità jikkoinċidi mal-isem is-sid. Fejn tali informazzjoni tinkludi data personali, l-entitajiet jenħtieġ li jiżguraw li jistgħu joqogħdu fuq din id-divulgazzjoni fuq waħda mir-raġunijiet legali tal-ipproċessar stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>26</sup>.

---

<sup>26</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) L-użu mill-ġdid ta' informazzjoni li hija disponibbli fuq l-ESAP jista' jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern u jippromwovi l-iżvilupp ta' servizzi ġodda li jikkombinaw u jagħmlu użu minn tali informazzjoni. Għalhekk, **fejn ikun ġustifikat għal**

sostenibbiltà u informazzjoni rilevanti oħra aċċessibbli fuq l-ESAP. **L-entitajiet li jixtiequ jagħmlu informazzjoni aċċessibbli fuq l-ESAP jenħtieġ li jinżammu responsabbli għall-kwalità, il-kompletezza u l-preċiżjoni tagħha. Jenħtieġ li l-informazzjoni tiġi ppreżentata in bona fide u tirrifletti s-sitwazzjoni reali.** Skont il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data u l-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data, l-entitajiet jenħtieġ li jiżguraw li ma tiġi inkluża l-ebda data personali, għajr fejn dik id-data tikkostitwixxi element meħtieġ tal-informazzjoni dwar l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, inkluż meta l-isem tal-entità jikkoinċidi mal-isem is-sid. Fejn tali informazzjoni tinkludi data personali, l-entitajiet jenħtieġ li jiżguraw li jistgħu joqogħdu fuq din id-divulgazzjoni fuq waħda mir-raġunijiet legali tal-ipproċessar stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>26</sup>.

---

<sup>26</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

#### *Emenda*

(10) L-użu mill-ġdid ta' informazzjoni li hija disponibbli fuq l-ESAP jista' jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern u jippromwovi l-iżvilupp ta' servizzi ġodda li jikkombinaw u jagħmlu użu minn tali informazzjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li l-informazzjoni



**raġunijiet ta' objettiv ta' interess pubbliku**, huwa meħtieġ li l-informazzjoni li tkun disponibbli fuq l-ESAP tkun tista' tintuża mill-ġdid għal skopijiet oħrajn għajr dawk li għalihom tkun tfasslet l-informazzjoni. **Madankollu**, l-użu u l-użu mill-ġdid **ta' dik l-informazzjoni** jenħtieġ li **jkunu suġġetti għal kundizzjonijiet** oġġettivi, proporzjonati u mhux diskriminatorji. Għal dak il-għan, jenħtieġ li japplikaw kundizzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk stabbiliti f'liċenzji miftuħa u standard skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>27</sup>. It-termini ta' liċenzjar ta' dawk il-liċenzji standard jenħtieġ li jippermettu li d-data u l-kontenut ikunu aċċessibbli, użati, modifikati u kondiviżi liberament minn kwalunkwe persuna għal kwalunkwe skop. L-ESMA jenħtieġ li ma ġġarrabx responsabbiltà għall-użu u l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni aċċessibbli fuq l-ESAP. Is-sottomissjoni ta' informazzjoni mill-korpi ta' ġbir jenħtieġ li la tkun suġġetta għal kundizzjonijiet u lanqas tkun suġġetta għal liċenzja standard miftuħa li tippermetti t-termini ta' liċenzjar li japplikaw għall-informazzjoni aċċessibbli fl-ESAP.

---

<sup>27</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 12

li tkun disponibbli fuq l-ESAP tkun tista' tintuża mill-ġdid għal skopijiet oħrajn għajr dawk li għalihom tkun tfasslet l-informazzjoni, **sakemm ma jkunx iġġustifikat għal raġunijiet ta' objettiv ta' interess pubbliku li jitqiegħdu kundizzjonijiet fuq l-użu jew l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni**. Jenħtieġ li **dawk il-kundizzjonijiet ikunu** oġġettivi, proporzjonati u mhux diskriminatorji. Għal dak il-għan, jenħtieġ li japplikaw kundizzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk stabbiliti f'liċenzji miftuħa u standard skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>27</sup>. It-termini ta' liċenzjar ta' dawk il-liċenzji standard jenħtieġ li **jaderixxu mal-prinċipji FAIR (ir-rintraċċabbiltà, l-aċċessibbiltà, l-interoperabbiltà u r-riutilizzabbiltà)** u jippermettu li d-data u l-kontenut ikunu aċċessibbli, użati, modifikati u kondiviżi liberament minn kwalunkwe persuna għal kwalunkwe skop. L-ESMA jenħtieġ li ma ġġarrabx responsabbiltà għall-użu u l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni aċċessibbli fuq l-ESAP. Is-sottomissjoni ta' informazzjoni mill-korpi ta' ġbir jenħtieġ li la tkun suġġetta għal kundizzjonijiet u lanqas tkun suġġetta għal liċenzja standard miftuħa li tippermetti t-termini ta' liċenzjar li japplikaw għall-informazzjoni aċċessibbli fl-ESAP.

---

<sup>27</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) L-ESAP jenħtieġ li jipprovdi lill-utenti b'aċċess għall-informazzjoni mingħajr ħlas u mingħajr diskriminazzjoni, u jenħtieġ li jagħmilha possibbli għal dawk l-utenti li jfittxu, jaċċessaw u jniżżlu l-informazzjoni permezz tal-ESAP. Madankollu, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-ħtieġa li l-ESMA tiġi protetta minn piż finanzjarju eċċessiv b'rabta mal-kostijiet imġarrba sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' utenti intensivi, jekk ikun hemm, l-ESMA jenħtieġ li jkollha l-kapaċità li tiġġenera dħul. Għalhekk, b'deroga mill-prinċipju li l-informazzjoni jenħtieġ li tkun aċċessibbli mingħajr ħlas, l-ESMA jenħtieġ li titħalla timponi tariffi għal dawk is-servizzi speċifiċi, inkluż għal servizzi b'kostijiet ta' manutenzjoni għoljin minħabba *tiftix* għal volumi kbar ħafna ta' informazzjoni jew minħabba aċċess frekwenti għall-ESAP. Madankollu, kwalunkwe tariffa imposta jenħtieġ li ma taqbiżx il-kost tas-servizz ipprovdut.

*Emenda*

(12) L-ESAP jenħtieġ li jipprovdi lill-utenti b'aċċess għall-informazzjoni mingħajr ħlas u mingħajr diskriminazzjoni, u jenħtieġ li jagħmilha possibbli għal dawk l-utenti li jfittxu, jaċċessaw u jniżżlu l-informazzjoni permezz tal-ESAP. Madankollu, bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-ħtieġa li l-ESMA tiġi protetta minn piż finanzjarju eċċessiv b'rabta mal-kostijiet imġarrba sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' utenti intensivi, jekk ikun hemm, l-ESMA jenħtieġ li jkollha l-kapaċità li tiġġenera dħul. Għalhekk, b'deroga mill-prinċipju li l-informazzjoni jenħtieġ li tkun aċċessibbli mingħajr ħlas, l-ESMA jenħtieġ li titħalla timponi tariffi għal dawk is-servizzi speċifiċi, inkluż għal servizzi b'kostijiet ta' manutenzjoni għoljin minħabba *t-tiftix* għal volumi kbar ħafna ta' informazzjoni ***u l-estrazzjoni tagħhom*** jew minħabba aċċess frekwenti għall-ESAP, ***ħlief meta dawk it-tiftix u l-estrazzjoni jsiru minn organizzazzjonijiet u korpi fit-twettiq tar-responsabbiltajiet, tal-mandati u tal-obbligi rispettivi tagħhom, kif elenkat f'dan ir-Regolament. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-ESMA tkun tista' tidentifika l-utenti li jkunu fittxew jew estrattaw volum kbir ta' informazzjoni jew informazzjoni aġġornata ta' spiss.*** Madankollu, kwalunkwe tariffa imposta jenħtieġ li ma taqbiżx il-kost ***imġarrab għall-forniment*** tas-servizz ipprovdut.

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament  
Premessa 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Sabiex jiġi żgurat ipproċessar mingħajr xkiel tal-informazzjoni riċevuta jew imfassla mill-korpi ta' ġbir u magħmula disponibbli għall-ESAP, huwa

*Emenda*

(17) Sabiex jiġi żgurat ipproċessar mingħajr xkiel tal-informazzjoni riċevuta jew imfassla mill-korpi ta' ġbir u magħmula disponibbli għall-ESAP, huwa

meħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti rekwiżiti li jispeċifikaw il-format u l-metadata ta' dik l-informazzjoni u liema korpi ta' ġbir jenħtieġ li jiġbru tali informazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-informazzjoni sottomessa lill-ESAP mill-korpi ta' ġbir, huwa meħtieġ ukoll li jiġu ddefiniti l-karatteristiċi tal-validazzjonijiet awtomatizzati li għandhom jitwettqu fuq kull informazzjoni li tasal għand il-korpi ta' ġbir, u l-karatteristiċi tas-siġill elettroniku kwalifikat li għandu jiġi meħmuż ma' dik l-informazzjoni mill-entitajiet. Sabiex jiġi żgurat l-użu u l-użu mill-ġdid tad-data dwar l-ESAP, għandha tiġi ddefinita lista tal-liċenzji standard miftuħa magħżula. Sabiex jiġu ffaċilitati t-tiftix, is-sejba, l-irkupru tad-data fil-ħin, huwa meħtieġ ukoll li jitfasslu l-karatteristiċi tal-interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u tal-metadata li għandha tiġi implimentata. Għandhom jiġu implimentati rekwiżiti addizzjonali fir-rigward ta' funzjonijiet ta' tiftix effiċjenti, bħall-identifikatur speċifiku tal-entità ġuridika, il-klassifikazzjoni tat-tip ta' informazzjoni, u l-kategoriji tad-daqs tal-entitajiet. Għal dak il-għan, il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jenħtieġ li jiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, l-ESMA *tista'* tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina n-natura u l-firxa tas-servizzi speċifiċi li għalihom *jistgħu* jintalbu tariffi kif ukoll l-istruttura tat-tariffi assoċjata. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>30</sup>, Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>31</sup> u Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>32</sup>.

meħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti rekwiżiti li jispeċifikaw il-format u l-metadata ta' dik l-informazzjoni u liema korpi ta' ġbir jenħtieġ li jiġbru tali informazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-informazzjoni sottomessa lill-ESAP mill-korpi ta' ġbir, huwa meħtieġ ukoll li jiġu ddefiniti l-karatteristiċi tal-validazzjonijiet awtomatizzati li għandhom jitwettqu fuq kull informazzjoni li tasal għand il-korpi ta' ġbir, u l-karatteristiċi tas-siġill elettroniku kwalifikat li għandu jiġi meħmuż ma' dik l-informazzjoni mill-entitajiet. Sabiex jiġi żgurat l-użu u l-użu mill-ġdid tad-data dwar l-ESAP, għandha tiġi ddefinita lista tal-liċenzji standard miftuħa magħżula. Sabiex jiġu ffaċilitati t-tiftix, is-sejba, l-irkupru tad-data fil-ħin, huwa meħtieġ ukoll li jitfasslu l-karatteristiċi tal-interfaċċa għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet u tal-metadata li għandha tiġi implimentata. Għandhom jiġu implimentati rekwiżiti addizzjonali fir-rigward ta' funzjonijiet ta' tiftix effiċjenti, bħall-identifikatur speċifiku tal-entità ġuridika, il-klassifikazzjoni tat-tip ta' informazzjoni, u l-kategoriji tad-daqs tal-entitajiet. Għal dak il-għan, il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jenħtieġ li jiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni. ***Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-ESMA twettaq konsultazzjonijiet regolari kontinwi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-investituri, il-parteċipanti fis-suq, il-konsulenti, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u l-konsumaturi, biex tiżviluppa u ttejjeb l-użabbiltà tal-ESAP. Il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jenħtieġ li jikkonsulta lill-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rapportar Finanzjarju (EFRAG) dwar l-iżvilupp ta' dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-definizzjoni tar-rekwiżiti għall-formati tal-aċċessibbiltà għall-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà.*** Barra minn hekk, l-ESMA *jenħtieġ li* tiżviluppa abbozzi ta' standards

tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina n-natura u l-firxa tas-servizzi speċifiċi li għalihom **jenħtieġ li** jintalbu tariffi kif ukoll l-istruttura tat-tariffi assoċjata. **Sabiex tiġi żgurata trasparenza sħiħa tal-każijiet meta t-tariffi jistgħu jiġu imposti, l-ESMA jenħtieġ li tagħmel disponibbli għal pubbliku u faċilment aċċessibbli fuq l-ESAP il-limiti tal-volumi ta' informazzjoni u l-frekwenzi li meta jinqabżu dawk it-tariffi japplikaw.** Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>30</sup>, Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>31</sup> u Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>32</sup>.

---

<sup>30</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

<sup>31</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

<sup>32</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

---

<sup>30</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

<sup>31</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

<sup>32</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a.** *L-informazzjoni pprovduta lil korp ta' ġbir fuq bażi volontarja għandha tiġi ppreżentata b'mod li tippermetti lill-utenti jiddistingwuha mill-informazzjoni miġbura fuq bażi obbligatorja.*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b.** *Il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandu jiżviluppa proċeduri li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn il-korpi ta' ġbir u l-entitajiet, b'mod partikolari dwar ir-regolamentazzjoni tas-sottomissjoni ta' informazzjoni volontarja, u jinkludi, fejn xieraq, mudelli rilevanti. Meta jkun qed jiżviluppa tali proċeduri, il-Kumitat Konġunt għandu jqis b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.*

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Fuq il-portal web imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1), l-ESMA għandha tippubblika lista tal-korpi ta' ġbir b'informazzjoni dwar ***il-Lokalizzatur*** Uniformi tar-Riżorsi (URL) ta' kull korp ta'

Fuq il-portal web imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1), l-ESMA għandha tippubblika lista tal-korpi ta' ġbir b'informazzjoni dwar ***l-isem, l-indirizz, l-Istat Membru ta' oriġini u l-Lokalizzatur***

ġbir.

Uniformi tar-Riżorsi (URL) ta' kull korp ta' ġbir.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b – punt ii

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) il-metadata kif speċifikata skont il-punt (d) tal-paragrafu 6 tkun disponibbli **u** kompluta;

#### *Emenda*

(ii) il-metadata kif speċifikata skont il-punt (d) tal-paragrafu 6 tkun disponibbli, kompluta **u miżmuma biss sakemm l-informazzjoni relatata magħha tibqa' miżmuma**;

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-entitajiet għandhom jiżguraw **il-preċiżjoni** tal-informazzjoni li jissottomettu lill-korpi ta' ġbir.

#### *Emenda*

4. L-entitajiet għandhom jiżguraw **il-kwalità, il-kompletezza u l-preċiżjoni** tal-informazzjoni li jissottomettu lill-korpi ta' ġbir, **u jinżammu responsabbli ta' dan**.

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Rigward l-informazzjoni li taqa' taħt dan ir-Regolament, il-korpi ta' ġbir ma għandhomx jeżerċitaw id-dritt ta' min jagħmel il-bażi tad-data, kif imsemmi u previst fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>33</sup>, li **jipprevjenu** jew **jillimitaw** l-użu **mill-ġdid** tal-kontenut tal-bażi tad-data jew **li jillimitaw** l-użu mill-ġdid ta' dak il-kontenut.

#### *Emenda*

5. Rigward l-informazzjoni li taqa' taħt dan ir-Regolament, il-korpi ta' ġbir ma għandhomx jeżerċitaw id-dritt ta' min jagħmel il-bażi tad-data, kif imsemmi u previst fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>33</sup>, **jew kwalunkwe dritt ieħor ta' proprjetà intellettwali b'mod** li **jipprevjeni** jew **jillimita** l-użu tal-kontenut tal-bażi tad-data jew l-użu mill-ġdid ta' dak

il-kontenut *skont l-Artikolu 9*.

---

<sup>33</sup> Id-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases (ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20).

---

<sup>33</sup> Id-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases (ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20).

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 6 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) għandu jwettaq konsultazzjoni pubblika qabel ma jissottometti l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni.***

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Il-funzjoni ta' tiftix imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandha tippermetti tfittxija abbażi tal-metadata li ġejja:

3. Il-funzjoni ta' tiftix imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandha tippermetti tfittxija abbażi ***tal-inqas*** tal-metadata li ġejja:

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(aa) l-isem ta' grupp ta' impriżi, jekk rilevanti;***

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Il-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għandu jikkonsulta lill-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rapportar Finanzjarju (EFRAG) dwar l-iżvilupp ta' dawn l-abbozzi ta' standards ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-definizzjoni tar-rekwiżiti għall-formati tal-aċċessibbiltà għall-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà.**

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Madankollu, l-ESMA **tista'** titlob tariffi għal servizzi speċifiċi li jinvolvu **tiftix** għal volum kbir ħafna ta' informazzjoni jew għal informazzjoni aġġornata ta' spiss. Dawk it-tariffi ma għandhomx jaqbżu l-kost mġarrab mill-ESMA għall-forniment tas-servizz.

Madankollu, l-ESMA **għandha** titlob tariffi għal servizzi speċifiċi li jinvolvu **t-tiftix** għal volum kbir ħafna ta' informazzjoni jew għal informazzjoni aġġornata ta' spiss **u l-estrazzjoni tagħhom, u fejn dawk is-servizzi huma għall-użu mill-ġdid tad-data għal finijiet kummerċjali**. Dawk it-tariffi ma għandhomx jaqbżu l-kost mġarrab mill-ESMA għall-forniment tas-servizz.

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Meta tistabilixxi l-ESAP, l-ESMA għandha tiżviluppa soluzzjonijiet tekniċi biex tkun tista' tidentifika l-utenti li jkunu fittxew jew estrattaw volum kbir ta'**



*informazzjoni jew informazzjoni  
aġġornata ta' spiss.*

## **Emenda 21**

### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-ESMA għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku u faċilment aċċessibbli fuq l-ESAP il-limiti tal-volumi ta' informazzjoni u tal-frekwenzi li meta jinqabżu għandhom japplikaw it-tariffi msemmija fil-paragrafu 2.**

## **Emenda 22**

### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, l-ESMA *tista'* tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina n-natura u l-firxa tas-servizzi speċifiċi li għalihom jistgħu jintalbu tariffi u sabiex tiddetermina l-istruttura tat-tariffi assoċjata.

Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, l-ESMA **għandha** tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina n-natura u l-firxa tas-servizzi speċifiċi li għalihom jistgħu jintalbu tariffi u sabiex tiddetermina l-istruttura tat-tariffi assoċjata.

## **Emenda 23**

### **Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) il-kundizzjonijiet jikkorrispondu għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'liċenzji standard miftuħa skont it-tifsira tal-Artikolu 2(5) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, li jippermettu l-użu, il-

(c) il-kundizzjonijiet jikkorrispondu **għal-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0)** għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'liċenzji standard miftuħa skont it-tifsira tal-

modifika u l-kondiviżjoni mingħajr ħlas ta' dik l-informazzjoni minn kulħadd u għal kwalunkwe għan.

Artikolu 2(5) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, li jippermettu l-użu, il-modifika u l-kondiviżjoni mingħajr ħlas ta' dik l-informazzjoni minn kulħadd u għal kwalunkwe għan.

#### Emenda 24

##### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) tiżgura li l-ESAP ikun aċċessibbli *mill-anqas 95 % tal-ħin fix-xahar*;

*Emenda*

(c) tiżgura li l-ESAP ikun aċċessibbli *għajr matul perjodi ta' manutenzjoni teknika meħtieġa*;

#### Emenda 25

##### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) in-numru ta' viżitaturi u tfittxijiet;

*Emenda*

(a) in-numru ta' viżitaturi, *inkluż il-viżitaturi uniċi*, u tfittxijiet;

#### Emenda 26

##### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. L-ESMA għandha, fuq bażi regolari, timmira li ttejjeb kontinwament il-funzjonament u l-funzjonalitajiet tal-ESAP. Għal dak l-għan, hija għandha twettaq konsultazzjonijiet regolari mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u għandha tqis ir-riżultati tagħhom.**

#### Emenda 27

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sa [PO, jekk jogħġbok daħħal data ħames (5) snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-funzjonament tal-ESAP u tivvaluta l-effettività tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati ta' dan ir-rieżami.

*Emenda*

Sa [PO, jekk jogħġbok daħħal data ħames (5) snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-funzjonament tal-ESAP, ***inkluża l-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jqabblu d-data pprovduta mill-entitajiet dwar oġġett partikolari, kemm maż-żmien kif ukoll bejn l-entitajiet***, u tivvaluta l-effettività tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati ta' dan ir-rieżami.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	L-istabbiliment ta' punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà	
<b>Referenzi</b>	COM(2021)0723 – C9-0434/2021 – 2021/0378(COD)	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 14.2.2022	
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 14.2.2022	
<b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	7.7.2022	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Pascal Durand 28.2.2022	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	13.7.2022	3.10.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	29.11.2022	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 17 -: 0 0: 2	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pascal Arimont, Ilana Cicurel, Pascal Durand, Virginie Joron, Gilles Lebreton, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospíšil, Adrián Vázquez Lázara, Marion Walsmann, Tiemo Wölken, Javier Zarzalejos	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alessandra Basso, Patrick Breyer, Angelika Niebler, Emil Radev, Nacho Sánchez Amor	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	João Albuquerque, Michael Gahler, Claude Gruffat	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

17	+
ID	Alessandra Basso
NI	Sabrina Pignedoli
PPE	Pascal Arimont, Michael Gahler, Angelika Niebler, Jiří Pospíšil, Emil Radev, Marion Walsmann, Javier Zarzalejos
RENEW	Ilana Cicurel, Pascal Durand, Karen Melchior
S&D	João Albuquerque, Nacho Sánchez Amor, Tiemo Wölken,
VERTS/ALE	Patrick Breyer, Claude Gruffat

0	-

2	0
ID	Virginie Joron, Gilles Lebreton

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni